MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 406/2011

**Marilyn Debono**

**vs**

**Susan Chalbi ghan-nom ta'**
**O.C. Link Publishers and Distributors**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur tal-attrici prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Dicembru 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' hamest elef u hamsin Ewro (€5,050) liema somma hija dovuta minnha bhala bilanc rimanenti minn somma akbar u dan ai termini ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fl-4 ta' Ottubru 2008, kopja ta' l-istess ftehim anness u mmarkat bhala Dok MD1 u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.
Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Mark Dimech datata 20 ta' Dicembru 2011 fol. 3 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tal-8 ta' Frar 2012 l-attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef u hamsin Ewro (€5,050) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------